

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Haasbeek u R. Lindenthal, aġenti)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE u intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1251 tat-18 ta' Settembru 2018 li ma tapprova l-empentrin bħala sustanza attiva eżistenti għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 18 (ĠU 2018, L 235, p. 24).

### Dispożittiv

- 1) *It-talba għal miżuri proviżorji hija miċħuda.*
- 2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

—————

### Rikors ippreżentat fl-10 ta' April 2019 — Uzina Metalurgica Moldoveneasca vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-245/19)

(2019/C 230/68)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: Uzina Metalurgica Moldoveneasca OAO (Rîbniṭa, Moldova) (rappreżentanti: P. Vander Schueren u E. Gergondet, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tiddikjara r-rikors ammissibbli;
- tannulla Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 (!) sa fejn japplika għarr-rikorrenti; u
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tmien motivi.

1. L-ewwel motiv jallega li r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 huwa bbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u li kiser il-prinċipji ta' ugwjaljanza u nondikriminazzjoni billi applika miżuri definitivi ta' salvagwardja għal importazzjonijiet li ġejjin mill-Moldova, filwaqt li importazzjonijiet komparabbi li joriġinaw f'pajjiżi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea kienu jiġu eskużi.

2. It-tieni motiv jallega li r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 jikser l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (<sup>(2)</sup>) billi applika miżuri definitivi ta' salvagwardja għal importazzjonijiet li ġejjin mill-Moldova, anke jekk l-importazzjonijiet minn pajjiżi li qed jiżviluppaw, bħall-Moldova, kellhom jiġu eskużi mill-applikazzjoni ta' tali miżuri.
3. It-tielet motiv, sussidjarjament, jallega li l-konvenuta kisret il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u aspettativi leġittimi, wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u kisret l-Artikolu 16 tar-Regolament 2015/478 billi naqset milli tevalwa jekk il-kundizzjonijiet għall-impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja kinux ġew issodisfatti għal kull kategorija ta' prodott li jifformaw il-prodotti ikkonċernat separatament.
4. It-tielet motiv, jallega li l-konvenuta wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni, li kisret id-dmir ta' premura u li kisret l-Artikoli 9(1)(a) u 16 tar-Regolament 2015/478 billi kkunsidrat li ż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott fl-Unjoni Ewropea kienet tiġġustifikasi l-impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja.
5. Il-ħames motiv jallega li l-konvenuta, meta stabbilixxiet l-eżistenza ta' theddida ta' dannu serju, wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni, kisret il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, kisret id-dmir ta' premura tagħha u kisret l-Artikoli 5(2), 9(2) u 16 tar-Regolament 2015/478.
6. Is-sitt motiv jallega li l-konvenuta li l-konvenut wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni u kisret l-Artikolu 16 tar-Regolament 2015/478 peress li ma stabilixxiet li ż-żieda fl-importazzjonijiet kienet tali li theded li tikkawża dannu serju lill-industria tal-Unjoni Ewropea u ma kinitx ikkunsidrat fatturi oħra li probabbilment jiġġustifikaw l-allegata theddida ta' dannu serju.
7. Is-seba' motiv jallega li r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni 2019/159 jikser l-Artikolu 16 tar-Regolament 2015/478 peress li l-konvenuta kellha nuqqas ta' kompetenza u aġixxiet bi ksur tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament 2015/478 meta bdiex investigazzjoni *ex officio* li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni 2019/159.
8. It-tmien motiv, jallega li l-konvenuta kisret id-dritt għal smiġħ xieraq tar-rikorrenti billi naqset milli tiżvela informazzjoni essenzjali fir-rigward tal-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet u s-sitwazzjoni tad-dannu lill-industria tal-Unjoni Ewropea.

(<sup>(1)</sup>) <sup>1</sup>Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jipponi miżuri definitivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27).

(<sup>(2)</sup>) Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16).

### Rikors ippreżentat fl-20 ta' April 2019 — gastivo portal vs EUIPO — La Fourchette (Rappreżentazzjoni ta' furketta fuq sfond aħdar)

(Kawża T-266/19)

(2019/C 230/69)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: gastivo portal GmbH (Bremen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: O. Spieker, A. Schönfleisch, N. Willich u N. Achilles, avukati)

Konvenut: L-Uffiċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: La Fourchette SAS (Pariġi, Franza)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenjużu: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell